# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 18 ta' Mejju, 2017**

**Kawża Nru 40**

**Rik. Nru. 609/11JRM**

**C. FENECH CLARKE TYRES LIMITED (C – 29471)**

vs

**AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Ġunju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (i) issib li, minħabba li l-Awtorita' mħarrka naqset milli tqiegħed kif mitlub minnha mil-liġi avviżi f'post xieraq biex jintwera li se jsir żvilupp, l-approvazzjoni tal-permess ta' żvilupp numru 507/2008 ma tiswiex u hija mingħajr effett minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talbet ukoll il-ħlas tal-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Lulju, 2011, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-Awtorita' mħarrka u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat il-provvediment mogħti minnha fit-2 ta' Novembru, 2011[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-talbiet tal-Awtorita' mħarrka b'rikors tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2011, u ordnat bdil fl-isem tal-istess Awtorita' kif jidher fl-atti tal-kawża u tatha żmien biex tikkontesta l-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Awtorita' mħarrka fis-7 ta' Novembru, 2011, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet (a) li l-kumpannija attriċi naqset li tiftaħ il-kawża fiż-żmien ta' sitt xhur minn mindu setgħet kienet taf bl-għemil li minnu tilmenta, kif irid l-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 u (b) li l-istess azzjoni ma tistax titressaq għaliex il-liġi tagħti lill-kumpannija attriċi rimedju għall-ilment tagħha taħt liġi oħra, kif irid l-artikolu 469A(4) tal-Kap 12. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa' għaliex hija ħarset il-liġi u mxiet kif kellha timxi fl-approvazzjoni tal-iżvilupp mitlub, u dan skond l-artikolu 32(4) tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta u liġijiet oħrajn fis-seħħ li jirregolaw l-ippjanar;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2011[2], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma mill-Awtorita' mħarrka dwar jekk il-kumpannija attriċi fetħitx il-kawża fiż-żmien li tagħtiha l-liġi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-Awtorita' mħarrka (reġistrata u traskritta)[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fis-27 ta' Frar, 2012[4], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-Awtorita' mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

[1] Paġġ. 36 – 9 tal-proċess
[2] Paġ. 51 tal-proċess
[3] Paġġ. 53 – 4 tal-proċess
[4] Paġ. 56 tal-proċess

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "CFCT") trid li l-Qorti ssib li l-approvazzjoni ta' żvilupp fl-inħawi ta' fejn CFCT għandha l-istabiliment kummerċjali tagħha fil-Marsa saret bi ksur tal-liġi u għalhekk ma tiswiex. Hija tgħid li, għalkemm kellha oġġezzjonijiet xi tressaq għall-iżvilupp approvat, l-Awtorita' naqset li tqiegħed avviżi f'postijiet xierqa biex min jidhirlu li kellu jressaq oġġezzjoni jkun jista' jagħmel dan. Iżżid tgħid li, mill-mod kif twaħħlu avviżi, wieħed kien jingħata x'jifhem li l-iżvilupp kien se jsir fi ġnien u mhux fit-triq. Minħabba f'dan, u ladarba l-Awtorita' mħarrka naqset li tweġibha fi żmien xahrejn għal dak li talbitha tagħmel fi protest ġudizzjarju li bagħtitilha, trid li l-imsemmija approvazzjoni titqies bla siwi;

Illi għal din l-azzjoni, l-Awtorita' mħarrka laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet (a) li l-kumpannija attriċi naqset li tiftaħ il-kawża fiż-żmien ta' sitt xhur minn mindu setgħet kienet taf bl-għemil li minnu tilmenta, kif irid l-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 u (b) li l-istess azzjoni ma tistax titressaq għaliex il-liġi tagħti lill-kumpannija attriċi rimedju għall-ilment tagħha taħt liġi oħra, kif irid l-artikolu 469A(4) tal-Kap 12. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa' għaliex hija ħarset il-liġi u mxiet kif kellha timxi fl-approvazzjoni tal-iżvilupp mitlub, u dan skond l-artikolu 32(4) tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta u liġijiet oħrajn fis-seħħ li jirregolaw l-ippjanar;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' mħarrka dwar jekk l-attriċi fetħitx din il-kawża fiż-żmien li tagħtiha l-liġi;

Illi bħala <u>fatti</u> li joħorġu mill-atti tal-kawża sa issa ftit li xejn hemm. Jidher li l-kumpannija attriċi għandha stabiliment mal-Moll tal-Ħatab fil-Marsa. F'xi żmien, kien tnieda l-proġett tat-twessigħ ta' Triq Diċembru Tlettax u dan laqat l-imkien tal-madwar għaliex kien jinvolvi l-bdil ta' livelli tat-toroq. Dan il-proġett kien approvat b'permess numru 507/08 li ma jirriżultax meta nħareġ;

Illi fit-2 ta' Novembru, 2010[5], CFCT bagħtet protest ġudizzjarju liċ-*Chairman* tal-Awtorita' mħarrka biex tilminta miegħu dwar in-nuqqasijiet li tqis li seħħew qabel ma nħareġ l-imsemmi permess u biex titolbu jieħu "l-

[5] Dok "A", f'paġġ. 48 sa 51 tal-proċess

passi rimedjali ħalli n-nullita' tal-proċeduri tiġi sanata billi tinbeda mill-ġdid". Il-protest wasal għand l-Awtorita' fit-8 ta' Novembru;

Illi fl-24 ta' Ġunju, 2011, il-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża;

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aspetti ta' dritt li jduru mal-eċċezzjoni taħt eżami, il-Qorti trid tabilfors tqis in-natura tal-azzjoni mibdija mill-kumpannija attriċi. Ma hemm l-ebda dubju li dik tal-attriċi hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta għaliex fit-talba waħdanija tagħha tirreferi għal dispożizzjonijiet partikolari li jinsabu f'dak l-artikolu tal-Kodiċi. L-eċċezzjoni mqajma mill-imħarrkin tinsab fl-istess artikolu. Dan l-istess artikolu jagħmilha ċara li ż-żmien ta' sitt (6) xhur mogħti lil persuna biex tattakka għemil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fih jirreferi għal dawk l-ilmenti li jitressqu taħt is-sub-artikolu 469A(1)(b);

Illi l-eċċezzjoni preliminari mertu ta' din is-sentenza hija waħda perentorja tal-ġudizzju u tista' għalhekk titqajjem f'kull waqt tal-kawża. Hija tgħid li kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew sata' sar jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministattiv;

Illi llum il-ġurnata huwa stabilit li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[6]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[7]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel;

---

[6] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

[7] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

Illi fil-każ tal-lum, il-kwestjoni li tqum hija dwar liema għemil amministrattiv tirreferi l-azzjoni ta' CFCT. Jidher li għal CFCT, l-għemil amministrattiv huwa n-nuqqas min-naħa tal-Awtorita' mħarrka li tagħtiha tweġiba għat-talba li għamlitilha fil-protest ġudizzjarju tat-8 ta' Novembru, 2010. F'dak il-każ, CFCT qiegħda tistrieħ fuq it-tifsira mogħtija lill-kliem "egħmil amministrattiv" fl-artikolu 469A(2), b'mod partikolari fil-*proviso* ta' dik id-dispożizzjoni. CFCT tgħid li l-fatt li l-Awtorita' naqset li tweġibha fi żmien xahrejn għat-talba magħmula fil-protest ġudizzjarju li bagħtitilha jikkostitwixxi "rifjut" minn awtorita' pubblika għall-għoti ta' deċiżjoni dwar dak mitlub. Min-naħa tagħha, l-Awtorita' mħarrka tgħid li l-azzjoni attriċi tinbena kollha kemm hi fuq għemil amministrattiv partikolari (il-proċess li wassal għall-ħruġ tal-permess ta' żvilupp 507/08) u mhux għal xi talba oħra li saret lill-Awtorita' għall-ħruġ ta' xi permess ieħor. Tgħid li ladarba CFCT saret taf sa minn qabel Novembru tal-2010, l-azzjoni attriċi dwar il-proċess li wassal għall-ħruġ tal-permess messha saret qabel, għaliex imqar kieku l-protest inħareġ malli nħareġ il-permess, CFCT riedet tiftaħ il-kawża mhux aktar tard minn Mejju tal-2011. Il-kawża nfetħet lejn l-aħħar ta' Ġunju, 2011;

Illi l-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorita' li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni meħuda tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu (fis-sub-inċiż (2) tiegħu) jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali;

Illi meta CFCT interpellat lill-Awtorita' mħarrka biex tieħu l-passi rimedjali ħalli n-nullita' tal-proċeduri tiġi sanata billi tinbeda mill-ġdid, il-proċess tal-approvazzjoni tal-iżvilupp kien intemm u ma kienx mistenni li l-Awtorita' tagħti deċiżjoni oħra. Il-fatt li l-Awtorita' ma aċċettatx li terġa' tibda l-proċess tal-approvazzjoni tal-permess ma huwiex il-mertu tat-talba attriċi f'din il-kawża. It-talba attriċi trid li din il-Qorti tħassar (għar-raġunijiet imsemmija fil-premessi tar-Rikors promotur) għemil

amministrattiv ieħor – il-permess – liema għemil kien twettaq (u jidher li kien magħruf ukoll minn CFCT) aktar minn sitt xhur qabel ma nfetħet il-kawża;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li CFCT kien laħaq għalqilha ż-żmien li tagħtiha l-liġi biex setgħet tressaq l-azzjoni tagħha għal stħarriġ ġudizzjarju fuq il-kawżali minnha msemmija u għalhekk tara li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' mħarrka hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' mħarrka u ssib li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien ta' sitt xhur mogħti mil-liġi biex jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv impunjat; u

**Teħles** lill-Awtorita' mħarrka mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi **spejjeż** għall-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**18 ta' Mejju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**18 ta' Mejju, 2017**